MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 350/2010

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fil-15 ta' Marzu 1977;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu X ta' wiehed u tletin (31) sena, Y ta' disgha u ghoxrin (29) sena, Johann ta' tmiena u ghoxrin (28) sena u l-minuri Z ta' hdax-il (11) sena;

Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli peress li l-intimat rrenda ruhu hati ta' adulterju tant li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Talbet li il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B;
2. Takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Z ta' 11-il sena;
3. Tiffissa r-retta alimentari ghaliha u ghal Z ta' 11-il sena, kif ukoll ghandu jkun hemm ammont ta' manteniment ghal edukazzjoni tal-minuri sakemm ittemm l-edukazzjoni taghha u ssib impjieg fiss;
4. Tiddikjara xolta il-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti fi kwoti ndaqs bejniethom, u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi;
5. Tassenjalhom il-proprjeta' dotali u parafernali taghhom;
6. Tiddikjara li l-intimat iddekada mill-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet ix-xhieda li giet prodotta;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn A B u l-intimat C B li ghandhom tliet ulied li huma lkoll maggorrenni u lkoll ghandhom aktar minn 23 sena filwaqt li ghandhom ukoll minuri ta' 13 –il sena. Il-qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat stante li minkejja li gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza, huwa

baqa’ ma ntavola ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa meqjus bhala kontumacji f’dawn il-proceduri.

## VERZJONI RIKORRENTI

Ir-rikorrenti A B tibbaza l-kawzali tas-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha fuq vjolenza fizika u adulterju li hija tikkontendi li kkommetta zewgha u li wassal sabiex iz-zwieg taghhom tkisser b’mod irrimedjabbli. Hi tispjega li z-zwieg taghhom sehh fis-sena 1977 u frott ta’ dan iz-zwieg twieldu erba’ ulied, wahda minnhom u cioe’ Z li ghadha minuri u li tghix mal-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti tispjega li flimkien mal-intimat kienu hadu art tal-gvern li fuqha bnew id-dar matrimonjali taghhom (bl-indirizz Plot 1, Triq Dahar, Mgarr). Ir-rikorrenti tispjega li l-hajja mizzewga minn dejjem kienet difficli, tant li l-intimat kien ilu jkollu relazzjonijiet extra-matrimonjali ghal snin twal u sahansitra kellu relazzjonijiet ohra ma’ nisa ohra qabel iz-zwieg izda hi dejjem waslet biex hafritlu. Tghid ukoll li meta kienet tikkonfrontah fuq xi wahda mir-relazzjonijiet li kienet tiskopri bihom, kien jaghtiha xeba pero’ fl-istess hin tghid li peress li kienet thobbu, kienet tahfirlu. Ir-rikorrenti ssemmi episodju fejn l-intimat allegatament taha daqqa b’hadida kbira u dwar dan ghamlet rapport mal-pulizija izda l-qorti tinnota li l-ebda rapport ma gie prezentat in atti. Hija tirrakkonta wkoll il-gurnata tat-twelid tal-minuri u l-granet ta’ wara fejn minkejja li kienet ghadha kif welldet tarbija, l-intimat halliha wahedha ghal gurnata u lejl shih barra. Sussegwentement skopriet ukoll li l-intimat kellu relazzjoni adultera ta’ madwar disa` snin shah u li sahansitra kien isiefer ma’ din il-mara xi darbtejn fis-sena.

Ir-rikorrenti tispjega li l-intimat m’ghandux relazzjoni ma’ bintu l-minuri ghaliex lanqas biss jafha. Wara episodju iehor ta’ vjolenza kommess mill-intimat fejn prattikament taha xebgha ghaliex ma kienitx qaltlu li ser iggib xi nies id-dar biex jghinu fil-manutenzjoni tad-dar taghhom (u dan skond it-tezi tar-rikorrenti fil-prezenza tal-minuri) ir-rikorrenti harget mid-dar matrimonjali u marret tghix ma’ bintha li hija maggorenni. Ir-rikorrenti tispjega wkoll li qabel ma telqet mid-dar, l-intimat kien jaghtiha l-ammont

ta’ €100 fil-gimgha bhala manteniment izda l-intimat waqaf jaghmel tali pagament meta telqet mid-dar tant li prezentement, hi flimkien ma’ bintha jghixu bis-servizzi socjali.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Il-qorti tinnota li l-unika xhud li tat il-verzjoni tal-fatti hija r-rikorrenti stess. Il-qorti hija sprovvista minn xi forma ta’ evidenza dwar l-assi jew id-debiti tal-komunjoni tal-akkwisti, ghajr ghad-dikjarazzjoni mahlufa li d-dar matrimonjali hija mibnija fuq art li kienet tal-gvern u li inghatat lilhom fuq cens madwar ghoxrin sena ilu (u cioe’ allegatament fiz-zwieg). Ma giet prezentata ebda kopja tal-kuntratt relattiv tal-akkwist.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Ir-rikorrenti tiddikjara li prezentement qieghda tghix flimkien ma’ bintha l-minuri fid-dar ta’ bintha l-ohra l-maggorenni. Tghid ukoll li tghix fuq il-beneficcji socjali peress li l-intimat ma jhallas ebda manteniment.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT TAL-MINURI**

Il-qorti hija tal-fehma li huwa fl-ahjar interessi li l-minuri ghandha tibqa’ tghix mar-rikorrenti ommha u konsegwentement l-intimat ghandu jassumi r-responsabbilita’ ta’ bintu billi jhallas manteniment u jikkontribwixxi ghall-ghixien taghha u dan sakemm l-istess minuri tkun ghadha qed tistudja fuq bazi full-time u sa’ massimu l-eta’ 23 sena jew tkun qieghda tahdem fuq bazi full-time, skond liema eventwalita’ ssehh l-ewwel. Huwa inkoncepibbli ghal din il-qorti u ghall-ligi nostrana li missier jfarfar mir-responsabbilita’ versu bintu u ghalhekk, jekk ma jikkontribwixxix b’modi differenti (apparti dawk finanzjarji) ghandu zgur jikkontribwixxi b’mod finanzjarju ghall-istess bint.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

Illi l-qorti dwar din it-talba, thoss li fic-cirkustanzi m'hemm ebda raguni valida ghala m'ghandhiex tiehu bhala veritiera l-verzjoni hekk kif dedotta mir-rikorrenti u ghalhekk, minkejja li hija l-unika xhud fil-kawza odjerna, tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat u l-agir irresponsabbli u vjolenti tieghu waslu ghall-firda tal-partijiet.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi permezz tax-xiehda taghha A B ma taghmel ebda referenza ghal xi assi jew debiti li setghu saru fiz-zwieg, ad eccezzjoni, kif diga' inghad aktar 'il fuq, li hemm dikjarazzjoni li taghti x'tifhem li d-dar matrimonjali hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl ta' nuqqas ta' prova dwar l-istess assi, izda f'dawn ic-cirkustanzi (anke tenut kont tal-fatt li m'hemm ebda indikazzjoni ta' x'seta' sar mid-data taz-zwieg 'il quddiem), il-qorti thoss li huwa gust li f'kaz li jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;
[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Z bint il-partijiet f'idejn ir-rikorrenti;
[3] Tiffissa s-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar bhala manteniment ghar-rikorrenti u s-somma ulterjuri ta' mitejn u hamsin ewro (€250) bhala manteniment ghall-minuri Francesa li ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u tkun qieghda tistudja fuq bazi full-time jew tkun qieghda tahdem fuq bazi full-time skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas tali ammonti lir-rikorrenti kull xahar;

[4] Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet izda tastjeni milli tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti stante li dwarha ma ngabet ebda prova b'dan illi jekk jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn;
[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma gew prezentati ebda provi f'dan ir-rigward;
[6] Tiddikjara li l-intimat iddekada mill-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------